

ANNES I
KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Incurin pilloli ta' milligramma

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Sustanzi Attiv/i:

1 mg *estriol* kull pillola

Għall-lista sħiħa ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pilloli tondi b'sinjal wieħed fin nofs.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Speċi li l-prodott għandu jintuża fuqhom

Klieb tas-sess femminili

4.2 Indikazzjoni għall- użu tal-Prodott (semmi l-ispeċi li għandu jintuża fuqhom il-prodott) jekk ikun il-każ.

Trattament ta' inkontinenza dipendenti fuq l-ormoni fi klieb femminili, minħabba sfinkter li m'għadux tajjeb wara ovario-isterektomija

4.3 Kontra indikazzjonijiet

Tużax fi klieb nisa li ma ġewx operati, minħabba li l-effikaċja tal-prodott ġiet stabbilita biss f'kelbat li saritilhom ovarjo-isterektomija.

Klieb li juru sintomi ta' għatx u urinar kontinwu m'għandhomx jiġu trattati bl-Incurin.

L-użu tal-Incurin m'għandux jintuża waqt it-tqala jew f'annimali ta' anqas minn sena.

4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott.

Dożi għolja ta' estroġeni, jistgħu jikkawżaw tumuri f'organi li jaħdmu fuqhom l-estroġeni (bħal fis-sider).

4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu fl-annimali

F'każ ta' effetti estroġeniċi, id- doża għandha titnaqqas.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali lill-annimali

Mhux Applikabbli

4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravita)

Effetti estroġeniċi, bħal vulva u sider minfuħ, namra żejda u remettar ġew osservati fl-ogħla doża ta' 2 mg kull kelb. L-inċidenza hija ta' madwar 5 - 9%. Dawn l-effetti huma riversibbli wara li titnaqqas id-doża. F'każi rari, ġieli kien hemm telf ta' demm mill-vaġina. F'każi rari, telf ta' pil ġie osservat.

4.7 Użu fit-Tqala u fi żmien il-ħalib

Tużax dan il-prodott waqt it-tqala jew treddigħ. Ara wkoll sezzjoni 4.3 kontra indikazzjonijiet

4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra

Xejn li hu magħruf

4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Amministrazzjoni mill-ħalq.

Ir-relazzjoni bejn doża finali effettiva u l-piż tal-kelba għadu ma ġiex stabbilit u għalhekk id- doża trid tiġi determinata individwalment għal kull kelba.

Din l-iskema ta' dożaġġi hija rakkomandata: ibda t-trattament b'pillola waħda (milligramma ta' *estriol*) kuljum. Jekk it- trattament jaħdem naqqas id-doża bin-nofs. Jekk it-trattament ma jaħdimx, żid id-doża għal 2 pilloli f' salt kuljum. Xi klieb ma jkollhomx bżonn trattament ta' kuljum; tista' tipprova titratta ġurnata iva u ġurnata le, ladarba d-doża effettiva tkun ġiet stabbilita.

L- inqas doża qatt ma għanda tkun inqas minn 0.5 milligrammi għal kull kelba kuljum. Kun żgur li d- doża użata sabiex ikun hemm effett terapewtiku hija baxxa kemm jista' jkun. Tużax aktar minn żewġ pinnoli għal kull kelba kuljum. Jekk it-trattament ma jaħdimx, wieħed għandu jerġa' jikkunsidra d- dijanjosi u jinvestiga kawżi oħra tal-inkontinenza bħal diżordnijiet newroloġiċi, neoplasja fil-bużżejqa tal-awrina.....

Il- kelba għandha tiġi eżaminata kull 6 xhur waqt it-trattament.

4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidot),(jekk ikun hemm bżonn)

F'każi ta' dożi eċċessivi se jkun hemm effetti tipiċi estroġeniċi. Dawn l-effetti huma riversibbli meta d-doża titnaqqas.

4.11 Perjodu ta' Tiżmim

Mhux applikabbli

5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Klassi farmakoterapewtika: *estogeni* Kodiċi ATĊ veterinarja: QG03CA04

5.1 KWALITAJIET FARMAKODINAMIĊI

Estriol huwa *estrogen* naturali li jaħdem farmakoloġikament għal żmien qasir. F'kelbat li tneħħewlhom l-ovarji għandu effett benefiku fuq il-inkontinenza urinarja. Fi studji li saru dwar il- ħarsien tas-saħħa ta' l-annimali li għalihom huwa indikat il-prodott u fi studji kliniċi anke dwar trattament fit-tul, ma ġew osservati l-ebda sinjali ta' tnaqqis fl-attività ta' l-mudullun tal-għadam. Dan aktarx huwa minnħabba li *estriol* jaħdem farmakoloġikament għal żmien qasir.

5.2 KWALITAJIET FARMAKOKINETIĊI

Wara amministrazzjoni mill-ħalq *Estriol* huwa kważi kompletament assorbit minn organu gastrointestinali. Kważi l-kwantita kollha ta' *Estriol* hija mwaħħla mal-albumina fil-plasma. *Estriol* huwa eskritt kongugat fl-awrina.

Meta jingħata mill-ħalq bosta drabi ma jakkumulax.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Sustanzi mhux attivi

Amilopektin
Lamtu tal-patata
Stirejt tal-magneżju
Lattożju

6.2 Inkompatibilitajiet

Xejn.

6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

3 snin

6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Taħżinx f'temperaturi ogħla minn 30°C

6.5 In-natura tal-materjal tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Strixxi ta' *PVC ċar* u minn wara b'folja tal-aluminjum b'kisja ssiġillata ta' (*vinyl copolymer*) fin-naħa ta' fejn imissu l-pinnoli. Kull strixxa fiha 30 pillola.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-mediċina mhux użata jew materjal ta' skart ieħor derivat, mill-użu tal-prodott

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

7. ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

INTERVET INTERNATIONAL B.V.
WIM DE KORVERSTRAAT 35
5831 AN BOXMEER
OLANDA.

8. Numru ta' Awtorizzazzjoni biex jitpoġġa fis-Suq

EU/2/00/018/001

9. Data tal-ewwel Awtorizzazzjoni / Tiġdid tal-Awtorizzazzjoni

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: Marzu 2000
Data ta' tiġdid tal-awtorizzazzjoni: Marzu 2010

10. Data ta' meta għet riveduta din il-kitba

ANNEX II

- A. MANIFATTUR(I) TAS-SUSTANZA(I)
BIOĠĠIKA(/BIOĠĠIĊI) ATTIVA(I) U SID/S-SIDIEN
TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA
RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-
AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ FUQ IL-
PROVISTA JEW L-UŻU**
- Ċ. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-
AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR L-UŻU
SIGUR U EFFETTIV**
- D. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs**

**A. MANIFATTURA(I) TAS-SUSTANZA(I) BIOLOĠIKA(ĊI) ATTIVA(I)
U> SID(/S-SIDIEN TA') L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA
RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

Isem u indirizz tal-manufattur(i) tas-sustanza(i) bioloġika(ċi) attiva(i)

Aspen Oss B.V.
Kloosterstraat 6
5349 AB Oss
Olanda

Isem u indirizz tal-manifattur(i) responsabbli mill-ħruġ tal-lott.

Intervet International B.V.
Wim de Korverstraat 35
5831 AN Boxmeer
Olanda

**B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-
KUMMERĊ DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata biss b'riċetta veterinarja.

**C. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-
KUMMERĊ DWAR L-UŻU SIGUR U EFFETTIV**

Mhux applikabbli

D. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs

Mhux applikabbli

ANNEX III

TIKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKETT

A. TIKKETTA

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA
DETTALJI LI GĦANDHOM JIDHRU FUQ L-IPPAKKJAR EWLIENI**

Kaxxa tal-kartun

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Incurin pinnoli ta' milligramma

Estriol

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Sustanza attiva :*estriol*, 1 mg / pinnola

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pinnoli

4. DAQS TAL-PAKKETT

Kaxxa tal-kartun bi strixxa waħda. Kull strixxa fiha 30 pinnola.

5. SPEĊI GĦAL X'HIEX HUWA NDIKAT IL-PRODOTT

Klieb tas-sess femminili

6. INDIKAZZJONI(JIET)

Mhux applikabli

7. METODU U MOD TA' AMMINISTRAZZJONI

Mill-ħalq

Aqra l-fuljett tal-informazzjoni qabel l-użu

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Mhux applikabli

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Mhux applikabli

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}

11. TAGĦRIF SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Taħżinx f'temperatura l-fuq minn 30°C

12. TAGĦRIF DWAR IR-RIMI TA' MEDIĊINA MHUX UŻATA JEW MATERJAL ĦAŻIN IEĦOR, JEKK IKUN IL-KAŻ

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TA' L-ANIMALI BISS" U KONDIZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli

Għat-trattament tal-animalli biss – jingħata biss fuq riċetta veterinarja.

14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ, U L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI LI JĦALLI L-KONSENJA TMUR FIS-SUQ FL-EEA, JEKK HUWA DIFFERENTI

Intervet International B.V.
Wim de Korverstraat 35
5831 AN Boxmeer
The Netherlands

16. NUMRU TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-KUMMERĊ FIR-REĠISTRU TAL-KOMUNITA

EU/2/00/018/001

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

lott

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ L-IPPAKKJAR EWLIENI TA' PAKKETTI
ŻGĦAR**

Strixxa ta 30 pillola

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Incurin pilloli ta' milligramma
Estriol

2. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL- KUMMERĊ:

Intervet International B.V.

3. DATA TA' SKADENZA

{xahar/sena}

4. NUMRU TAL-LOT

Lott {numru}

5. IL-KLIEM "GĦAT-TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS"

Għat-Trattament ta' l-Annimali biss.

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKKETT
Incurin pillola ta'milligramma

1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZJONI TAL-KUMMERĊ, U L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI, JEKK HUWA DIFFERENTI

<Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq <u l-manifattur responsabbli għall-ħrug tal-lott>:>

INTERVET INTERNATIONAL B.V
WIM DE KORVERSTRAAT 35
5831 AN BOXMEER
OLANDA

2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Pilloli Incurin ta' milligramma
Estriol

3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Sustanza attiva :*Estriol* 1mg / pillola
Pinnoli tondi b'sinjal wieħed fin nofs.

4. INDIKAZZJONI (JIET)

Trattament ta' inkontinenza dipendenti fuq l-ormoni fi klieb femminili, minħabba sfinkter li m'għadux tajjeb.

5. KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Tużax fi klieb nisa li ma ġewx operati, minħabba li l-effikaċja tal-prodott ġiet stabbilita biss f'kelbat li saritilhom ovarjo-isterektomija.

Klieb li juru sintomi ta' għatx u urinar kontinwu m'għandhomx jiġu trattati bl-Incurin.

L-użu tal-Incurin ma għandux jintuża waqt it-tqala, treddiġ jew f'annimali ta'anqas minn sena.

6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

Effetti ħfief estroġeniċi, bħal vulva u sider minfuħ, namra żejda u remettar ġew osservati fl-ogħla doża ta 2 mg kull kelb. Dawn l- effetti huma reversibbli wara li titnaqqas id-doża. Sintomi ta' dardir ġew osservati f'xi klieb. Minħabba li l-proprjetajiet estroġeni jaħdmu farmakoloġikament għal żmien qasir, Incurin ma jnaqqas fl-attivita tal-mudullun tal-għadam fil-klieb.

F'każi rari, ġieli kien hemm telf ta' demm mill-vaġina. F'każi rari , telf ta' pil ġie osservat ukoll.

Jekk tinnota x'effett gravi mhux mixtieq jew x'effetti oħra mhux imsemmija f'dan il fuljett, informa lil veterinarju.

7. SPEĊI GĦAL X'HIEX HUWA NDIKAT

Klieb

8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI u l-metodu ta' amministrazzjoni

Incurin jingħata mill-ħalq darba kuljum.

Ir-relazzjoni bejn doża finali effettiva u l-piż tal-kelba għadu ma ġiex stabbilit u għalhekk id- doża trid tiġi determinata individwalment għal kull kelba.

Din l-iskema ta' dożaġġi hija rakkomandata: ibda t-trattament b'pillola waħda (milligramma ta' *estriol*) kuljum. Jekk it- trattament jaħdem naqqas id-doża bin-nofs. Jekk it-trattament ma jaħdimx, żid id-doża għal 2 pinnoli f' salt kuljum. Xi klieb ma jkollhomx bżonn trattament ta' kuljum; tista' tipprova titratta ġurnata iva u ġurnata le, ladarba d-doża effettiva tkun ġiet stabbilita.

9. PARIRI DWAR AMMIINISTRAZZJONI KORETTA

Mhux applikabbli.

10. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli

11. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

Taħżinx f'temperaturi oġhla minn 30°C

Ma għandux jintuża wara d-data ta' l-iskadenza indikata fuq it-tiketta.

12. Twissijiet speċjali.

Dożi għolja ta' estroġeni, jistgħu jikkawżaw tumuri f'organi li jaħdmu fuqhom l-estroġeni (bħal fis-sider).

F'każi ta' dożi eċċessivi se jkun hemm effetti tipiċi estroġeniċi. Dawn l-effetti huma riversibbli meta d-doża titnaqqas

13. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-mediċina mhux użata jew materjal ta' skart ieħor derivat mill-użu tal-prodott jekk ikun hemm.

Saqsi lil veterinarju dwar kif tarmi mediċini li ma għadx hemm bżonnhom. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu fil-ħarsien tal-ambjent.

14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT INFORMATTIV FIL-PAKKETT

15. TAGĦRIF IEĦOR

Kull strixxa fiha 30 pillola. Kull strixxa hija ppakjata f'kaxxa tal-kartun.

Estriol huwa *estroġenu* naturali li jaħdem għal żmien qasir. Għandu effett tajjeb fuq inkontinenza

fi klieb femminili li jbatu minn din l-kundizzjoni. Il-mediċina tilħaq konċentrazzjoni stabbli fid-demm wara t-tieni ġurnata ta' trattament li ma takkumulax wara dożi ripetuti. Minnħabba li- *estriol* jaħdem farmakoloġikament għal żmien qasir ma jikkawżax tnaqqis fl-attività tal-mudullun tal-għadam fil-klieb.

Għal kull tip ta' informazzjoni fuq dan il-prodott veterinarju, agħmel kuntatt mar- rappreżentat lokali tas Sid tal-Awtorizzazzjoni tal Kummerċ.